Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/2545

16.12.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/2545

tal-15 ta' Diċembru 2025

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/2335 billi jistabbilixxi l-emissjonijiet tas-CO_2 ta' referenza aġġustati u jispeċifika l-metodoloġija għad-definizzjoni tal-vetturi rappreżentattivi

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1242 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi standards tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO_2 għall-vetturi tqal ġodda u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 595/2009 u (UE) 2018/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(2), il-punt (a) tiegħu,

Billi:

(1) Il-proċeduri tal-approvazzjoni tat-tip imsemmija fir-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) ġew emendati bl-introduzzjoni ta' profili tal-missjoni ġodda, proċeduri tat-tibdil tal-gerijiet u l-valutazzjoni sħiħa tas-sistemi avvanzati ta' assistenza għas-sewwieqa fl-għodda ta' simulazzjoni, li jwasslu għal tnaqqis fil-livell tal-emissjonijiet tas-CO_2 tal-vetturi tqal rappreżentattivi b'aktar minn 5 g CO_2/km.

(2) Għalhekk, il-Kummissjoni għandha taġġusta, f'konformità mal-Artikolu 11(2), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2019/1242, għall-ewwel darba, l-emissjonijiet tas-CO_2 ta' referenza għal ċerti sottogruppi ta' vetturi stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/2335 ([3]) u tiddetermina l-emissjonijiet ta' referenza aġġustati bħala i = 1 u l-emissjonijiet ta' referenza mhux aġġustati, stabbiliti f'dak ir-Regolament, bħala i=0).

(3) Biex jiġu kkalkulati l-emissjonijiet tas-CO_2 ta' referenza aġġustati, jeħtieġ li tiġi speċifikata, f'konformità mal-Artikolu 11(3) tar-Regolament (UE) 2019/1242, metodoloġija biex jiġu definiti l-vetturi rappreżentattivi, inklużi l-ponderazzjonijiet statistiċi tagħhom u ċ-ċifri tat-tagħbija utli u tal-għadd ta' passiġġieri.

(4) Biex ikun hemm konformità mar-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 11(3) tar-Regolament (UE) 2019/1242 u biex tinkiseb l-aħjar preċiżjoni possibbli u jiġi limitat il-piż amministrattiv għall-manifatturi, il-vetturi rappreżentattivi għad-determinazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO_2 ta' referenza aġġustati (i = 1) jenħtieġ li jkunu s-subsett tal-vetturi kollha li għalihom ġiet irrapportata d-data fil-perjodu ta' rapportar tas-sena 2019 u li fir-rigward tagħhom id-data tista' tiġi simulata mill-ġdid f'konformità mal-proċedura emendata tal-approvazzjoni tat-tip.

(5) L-emissjonijiet tas-CO_2 ta' referenza aġġustati ġew iddeterminati skont il-proċedura ta' aġġustament stabbilita fil-punt 1 tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2019/1242, kif spjegat fid-dettall f'rapport disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit web tal-JRC taħt ir-referenza JRC138612 u filwaqt li tqiesu l-aġġornamenti tad-data ta' simulazzjoni pprovduta minn xi manifatturi.

(6) Sabiex ir-riżultat tal-aġġustament jitqies malajr kemm jista' jkun fid-determinazzjoni tal-miri speċifiċi tal-emissjonijiet tas-CO_2 u tat-trajettorji tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO_2, l-emissjonijiet tas-CO_2 ta' referenza aġġustati msemmija fil-punt 2 tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2019/1242 jenħtieġ li jibdew japplikaw mill-perjodu ta' rapportar tas-sena 2025 'il quddiem.

([1]) ĠU L 198, 25.7.2019, p. 202, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1242/oj.

([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 18 ta' Ġunju 2009 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u magni rigward l-emissjonijiet minn vetturi heavy-duty (Euro VI) u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 715/2007 u d-Direttiva 2007/46/KE u li jħassar id-Direttivi 80/1269/KEE, 2005/55/KE u 2005/78/KE (ĠU L 188, 18.7.2009, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/595/oj).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/2335 tal-20 ta' Novembru 2025 li jistabbilixxi l-emissjonijiet tas-CO2 ta' referenza għall-perjodu ta' rapportar tas-sena 2019 (ĠU L, 2025/2335, 21.11.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/2335/oj).

(7) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/2335 jiġi emendat kif xieraq.

(8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/2335

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/2335 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 1, jiżdied it-tieni paragrafu li ġej:
"L-emissjonijiet tas-CO_2 ta' referenza aġġustati, imsemmija fil-punt 2 tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2019/1242, għall-perjodu ta' rapportar tas-sena 2025 'il quddiem huma stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament.";

(2) jiddaħħal l-Artikolu 1a li ġej:

"*Artikolu 1a*

Speċifikazzjoni tal-vetturi rappreżentattivi għal i = 1

Għad-determinazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO_2 ta' referenza aġġustati (i=1), il-vetturi rappreżentattivi speċifiċi tas-sottogruppi tal-vetturi 4-UD, 4-RD, 4-LH, 5-RD, 5-LH, 9-RD, 9-LH, 10-RD u 10-LH huma vetturi li huma inklużi fir-reġistru ċentrali msemmi fl-Artikolu 13c tar-Regolament (UE) 2019/1242, li ġew irrapportati fil-perjodu ta' rapportar tas-sena 2019, u li huma ttikkettati bħala rappreżentattivi fir-reġistru ċentrali.

It-tagħbijiet utli li għandhom jintużaw għad-determinazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO_2 huma definiti fil-punt 2.5.1. tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1242. Il-piż statistiku kif imsemmi fil-punt 1 tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2019/1242 għandu jkun '1' għall-vetturi rappreżentattivi kollha.";

(3) L-Anness tar-Regolament (UE) 2025/2335 huwa sostitwit bit-test mogħti fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Diċembru 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

"ANNESS

L-emissjonijiet tas-CO_2 ta' referenza msemmija fl-Artikolu 11(1), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2019/1242 (i = 0, mhux aġġustati) u l-emissjonijiet tas-CO_2 ta' referenza aġġustati (i=1, aġġustati) għal ċerti sottogruppi ta' vetturi, imsemmija fl-Artikolu 11(2), il-punt (a), u fil-punt 2 tal-Anness II ta' dak ir-Regolament, fi g/t•km:

Sottogrupp sg	emissjonijiet tas-CO_2 ta' referenza fil-perjodi ta' rapportar rispettivi	
	Perjodi ta' rapportar tas-sena 2019 u wara	Perjodi ta' rapportar tas-sena 2025 u wara
	i = 0 (mhux aġġustat)	i = 1 (aġġustat)
	$rCO2_{sg,0}$ *fi g/tkm*	$rCO2_{sg,1}$ *fi g/tkm*
4-UD	307,23	299,57
4-RD	197,16	195,77
4-LH	105,96	103,32
5-RD	84,00	83,53
5-LH	56,60	55,02
9-RD	110,98	110,56
9-LH	65,16	63,47
10-RD	83,26	82,75
10-LH	58,26	56,84"